MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

**It-Tnejn, 15 ta' Ġunju, 2020**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa ma kiex hemm ittri ta' apoloġija

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 19.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-18 –il laqgħa ġew approvati unanimament

## 19.2.2 Korrezzjonijiet

**19.2.2.1** Is-Sa Courtney Farrugia kienet preżenti għas-sbatax –il laqgħa u għaldaqstant trid titneħħa minn "Assenti b'Apoloġija".
Minuta 18.3.1- titneħħa l-kelma "Triq" minn quddiem Romeo Romano u titpoġġa "Ġnien" minflok.
Minuta 18.5.6 – wara il-kelma "tal-iskart" tiżdied u "tal-knis"

## 19.3 Punti mqajma mill-minuti

19.3.1 **Minuti 17.3.2.2** – Is-Sindku rrimarka li fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn hemm il-każin tal-futbol, hemm bżonn li jsir rilokazzjoni tas-siġar minħabba l-fatt li l-familji u l-ħwienet tal-akwata qed iġġarrbu problemi bid-dranaġġ għaliex l-għeruq tas-siġar ippenetraw fis-sistema tad-drenaġġ. Is-Sindku spjega li waħda minn dawn is-siġar kienet tqaċċtet bil-maltemp izda l-għeruq baqgħu ħajjin u għaldaqstant hemm bzonn li jitqabbad xi ħadd sabiex jneħħi dawn l-għeruq. Il-membri preżenti kollha qablu sabiex b'hekk ma jkunx hemm danni fuq il-familji u l-ħwienet.

Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa mal-Perit flimkien mal-persuna li għamel id-disinn il-ġdid tal-Monument tal-gwerra. Il-Perit ikkummenta li huwa mportanti li f'dik iż-żona tinżamm is-simetrijja. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill id-disinn tal-Monument. Is-Sindku qal li l-ispiża ser tlaħħaq madwar it-€18k.

Wara diskussjoni Dott. Carabott ma qabilxu rrimarka li l-ammont li ser jintefaq huwa konsiderevoli għaliex hu jaħseb li din is-somma tista' tintefaq fuq proġett ieħor. Il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel tinħareġ espressjoni ta' interess sabiex isiru aktar disinji ta' dan il-monument u wara li jkun magħżul id-disinn għandha tinħareġ it-tender fejn għandu jkun indikat li l-ispiża tal-proġett ma tkunx ta aktar minn €23k.

19.3.2 **Minuta 18.5.6** – Is-Sindku informa lill-membri li saret il-laqgħa li kellha ssir mal-Avukat dwar il-kuntrattur tal-knis fejn f'din il-laqgħa Dott Carabott kien ukoll preżenti. Saret diskussjoni jekk lill-kuntrattur tintbgħatlux ittra uffiċċjali jew ittral legali. Ġie deċiż sabiex tintbagħat ittra legali bla preġudizzj u fejn tintalab prova li l-Kuntrattur qed jimxi mal-kuntratt. Fin-nuqqas ta' provi, il-Kunsill Lokali jikkonsidra li jieħu passi ulterjuri skont il-liġi.

19.3.3 **Minuta 18.6.2 -** Is-Sindku informa lill-membri li l-istudju sabiex jiġi identifikati żoni pedonali jiswa' madwar €3k. Wara diskussjoni, il-membri qablu sabiex dan l-istudju jsir ġaladarba ser ikun iffinanzjat mir-Reġjun stess.

19.3.4 **Minuta 18.6.6** – Is-Sindku nforma lill-membri li TCTC qed joffru korsijiet on-line relatati ma' Robotika għal tfal bejn il-ħames u il-ħmistax –il sena u l-istudenti jkunu maqsuma f'erga' gruppi. Dan lill-Kunsill ser jiswilu €200 għal kull student u l-istudenti jkunu jridu jħalsu għan-noti. Wara diskussjoni l-membri tal-qablu sabiex dan il-kors isir direttament mill-uffiċċju tal-Kunsill dejjem skont id-direttivi tas-Saħħa.

19.3.5 **Minuta 18.6.7** – Is-Sindku informa lill-membri li sabiex issir attivita' fiż-żmien il-ġimgħa li tkun iċċelebrata l-festa l-aħjar li l-Kunsill iġib kjarifika mid-dipartiment tas-saħħa. Wara diskussjoni l-membri qablu li mill-Erbgħa 22 ta' Lulju tiżżejjen b'fustun

tad-dawl Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq l-Imsida sa k/m Triq San Ġorġ u Misraħ Santa Venera. Kien hem ukoll qbil li jkun hem il-parteċipazzjoni tal-banda ta' Santa Venera ġaladarba tinżamm id-distanza soċjali.

19.3.6 **Minuta 18.7.1** - Is-Sindku qal li dwar l-iżvilupp tal-BOV PA2728/20 il-Kunsill għamel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Ġie nnutat ukoll li kienu daħlu diversi rappżentazzjonijiet oħra.

19.3.7 **Minuta 18.7.2** – Is-Sindku informa lill-membri li ser jitlob sabiex isir laqgħa mal-Kummissarju Elettorali l-ġdid.

F'dan il-mument fis-7:50pm is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kien wasal l-*Accountant* u b'hekk ikunu diskuss punti 19.7.1 u 19.7.2 tal-Aġenda.

## 19.7. Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:

### *19.7.1 Audited Financial Statements 2019*

Is-Sindku stieden lill-Accountant, is-Sur Michael Debono, sabiex jagħti l-ispjega tiegħu lill-membri tal-Kunsill.

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal l-*Audited Financial* Statements 2019 lill-Membri tal-Kunsill sabiex l-istess A*udited Financial Statements* 2019 ikunu ppreżentati sat-Tlieta 16 ta' Ġunju, 2020 lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-NAO u lill-Awdituri Mazars Malta.

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona l-*Audited Financial Statements* filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku.

Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astensjonijiet jew voti kontra.

### 19.7.2 Rendikont Finanzjarju Jannar- Marzu 2020

L-Accountant informa lill-membri li dan ir-rapport ser ikun ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Titkompla l-laqgħa skond l-iskeda tal-Aġenda

### 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**19.4.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar ix-xogħol ħażin li sar minn terzi fi Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq San Pawl u Triq Braille fejn ġie nnutat li lanqas Transport Malta ma kienu ħarġu l-ebda awtorizzazjoni lil Enemalta sabiex isir dan ix-xogħol. Is-Sindku informa lill-membri li kien talab lill-avukat tal-Kunsill sabiex jibagħat ittra legali lill-Enemalta sabiex jreġġa t-toroq lura għal istat li kienu qabel.

### 19.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**19.5.1** Is-Sur Joe Vella ikkomunika bl-imejl li xhur ilu kien inbeda xogħol mid-Dipartiment tal-Akkomadazzjoni Socjali fi Blokka ta' flats fil-Qasam ta' djar tal-Palazz l-Aħmar sabiex jiġu nstallati 'Lifts' ta' żewġ blokki. Peress li dan ix-xogħol kien inbeda u issa ilu sospiż għal diversi xhur, staqsa lis-Sindku jara x'ihin r-raguni li dan ix-xogħol waqaf u meta hu ppjanat li dan ix-xogħol jitkompla?

Is-Sindku nforma lis-Sur Vella li x-xogħol fuq wieħed mill-liftijiet tkompla fit-28 ta' Mejju 2020.

**19.5.2** Peress li matul dawn l-aħħar ġimgħat ġew irraportati diversi drabi qtugh fil-provista tad-dawl tat-toroq fl-inħawi ta' Misraħ il-Barrieri u t- toroq tal-madwar, jista s-Sindku jitlob lill-entita responsabbli sabiex tkun magħrufa r-raġuni ta' dan il-qtugħ u meta s-sitwazzjoni se terġa' tiġi għan-normal?

Is-Sindku informa lils-Sur Vella li s-sitwazzjoni reġgħet ġiet għan-normal. Il-ħsara kienet qed toriġina mis-sub-station li hemm fi Triq Misraħ il-Barrieri.

**19.5.3** Wara li diversi xhur li x-xogħol fuq il-proġett ta' tisbiħ fuq il-Playground San Ġorġ Preca kien waqaf u fl-aħħar ġimgħat reġa' beda x-xogħol, wieħed jinnota li x-xogħol miexi b'ritmu ferm bil-mod u dan qed jikkawża inkonvenjent għar-residenti fl-inħawi peress li hemm munzelli ta' terrapien u dan qiegħed jikkawza inkonvenjent kbir specjalment meta jkun riħ qawwi. Jista' is-Sindku jara li dan l-inkonvenjent jiġi ndirizzat u jinforma meta dan il-progett hu ttamat li jkun lest?

Is-Sindku informa lis-Sur Vella li x-xogħol kien waqa lura minħabba l-pandemija peress li ħafna mill-ħaddiema kienu Taljani. Is-Sindku kompla billi qal li fuq din is-sitwazzjoni bħal ma diga' kien imsemmi u deċiż fl-laqgħat preċedenti hemm korrispondenza legali għaddejja minħabba d-dewmien fuq l-istess proġett.

**19.5.4**. Peress li f'dawn l-aħħar ġimgħat saret trinka fit-toroq San Ġużepp, Braille u San Pawl mingħajr permess tal-Kunsill u ma reġghetx ġiet mogħtija kisja bit-tarmak u dan qed joħloq inkonvenjent għar-residenti u sewwieqa jista' il-Kunsill jieħu deċiżjoni li jagħmel ix-xogħol hu u jibgħat il-kont lill-entita nvoluta.

Is-Sindku informa lis-Sur Vella li din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni waqt din il-laqgħa.

**19.5.5** Is-Sur Silvio Vella talab lis-Sindku sabiex il-Kunsill jara x'jista' jsir sabiex jinbidel l-istage tal-Karozza tal-Linja li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp (ħdejn dar San Ġużepp).

Is-Sindku informa lis-Sur Silvio Vella li l-Kunsill kien applika mal-AKL sabiex jinbidlu diversi stages tal-Linja li hemm madwar Santa Venera, Huwa qal li kien ser jibgħat kommunikazzjoni lill-AKL sabiex jara fejn wasal dan il-proċess.

**19.6 Rapporti/Korrispondenza**

**19.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Depot 230 sabiex issir loading /unloading bay fi Triq il-Kappillan Mifsud. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex loading/unloading bay eżistenti u li hemm fl-istess

triq tiġi mressqa faċċata ta' fejn tinsab bħalissa għaldaqtstant il-Kunsill irid japplika għall-awtorizzazjoni ma' TM.

**19.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li kienu rċievew komunikat mingħand il-Kunsill bil-kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw l-A/Cs. Hekk kif kien spjegat fil-kommunikat il-Kunsill mar fuq l-irħas kwotazzjoni dik ta' Ventura u l-imsemmija A/Cs ser ikunu installati fl-aħħar ta' Lulju.

**18.6.3** Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-AKL dwar dikjarazzjoni li titratta r-riċiklaġġ minħabba l-fatt li l-Green MT waqfu xi servizzi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-Kunsill mhux lest li jċedi ir-responsabbilta' tiegħu.

**19.6.4** Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mill-*Housing Authority* fejn il-Kunsill kien infurmat li jsiru proġetti ta'tisbih fil-faċċati tal-binjiet tal-gvern. Wara diskussjoni s-Sindku ssuġġerixxa sabiex isir tisbih tal-faċċata tal-blokka ta' appartamenti tal-gvern li hemm fi Trejqa tal-Ferrovija u żewġ Blokki oħra fiż-ona tal-Palazz l-Aħmar. Il-Membri qablu ma dak li kien qed jiġi suġġerit.

**19.6.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand *Style Furniture* u mingħand *Eet Well* sabiex l-imsemmija ħwienet jieħdu ħsieb u jindukraw il-*planters* li għandhom quddiem il-ħwienet tagħhom. Wara diskussjoni kien hemm qbil dwar din il-proposta bil-patt li kull tip ta' tisbieh li jsir ird ikun hemm l-awtorizzazjoni tal-Kunsill.

**19.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**19.7.3 Tender Ġbir tal-Iskart**

Is-Sindku informa lill-membri li t-Tender tal-iskart wasal biex jiskadi u għaldaqstant wara konsultazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill dwar il-problemi li l-Kunsill qed jaffaċċja dwar il-ġbir tal-iskart mill-Kuntrattur eżistenti, huwa tal-pariri li l-Kunsill jiskatta il-proċess ta' preparazzjoni tat-tender. Is-Sindku ppreżenta dokument tat-tender li gie ssuġġerit mill-Avukat fejn dan id-dokument huwa simili għal tender li inħareġ minn Kunsill ieħor.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament sabiex dan it-tender jinħareġ bis-sistema tal-*best price quality ratio (BPQR).*

F'dan il-ħin fid-9:30pm minħabba l-fatt li kienu skada l-ħin tal-laqgħa hekk kif stipulat fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali, bi qbil unanimu il-Kunsill aġġorna sabiex it-tkomplija tal-laqgħa ssir it-Tnejn 6 ta' Lulju fis-6:30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Michael Mifsud<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati, illum 3 t' Awwissu, 2020